**236. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

## MOZZJONI DWAR L-GĦOTJA B'ĊENS TEMPORANJU T A' FABBRIKA F'TA' QALI LIL MDINA WEAVE LTD.

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti b'ċens temporanju lil Mdina Weave Ltd. il-bini li jikkonsisti f'fabbrika Ta' Qali deskritta aħjar fl-Abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragraph (c) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini li jikkonsisti f'fabbrika f'Ta' Qali skond il-pjanta annessa jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija Mdina Weave Ltd., għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet, kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-kamra.

**14.12.1979**